KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA URĠENTI NUMRU 64**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

L-Erbgħa, 3 ta' Mejju, 2023.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum l-Erbgħa, 3 ta' Mejju, 2023, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier

SKUŻAT:
Valerie Cassar Mejlak – Kunsilliera

Uffiċjali Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv
Lorne Cremona – Aġent Segretarju Eżekuttiv sad-data ta' 30ta' April 2023



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 64.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

64.1.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbet li tkun skużata pero xorta ngħaqdet magħna permess ta' *videoconferencing.*

## 64.2 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2023;

64.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lill-membri li bħal ma jafu fil-preżent ma kienx għadhom saru l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2023 u għalhekk l-Aġent Segretarju Eżekuttiv ħa ħsieb jipprepara d-dokument li kien qiegħed jitpoġġa fuq il-mejda. Madanakollu s-Seg. Eżekuttiv spjegat illi minħabba li l-Kunsill għadu ma għalaqx s-snin finanzjarji preċedenti fejn l-*financial statements* għas-sena 2021 għadhom ma ġewx audited u l-*unaudited financial statements* għas-sena 2022 għadhom ma sarux ukoll, il-kunsill ma jistax jkun f'pożizzjoni li jipprovdi estimi finanzjarji li jirriflettu r-realta finanzjarja tal-kunsill. Kompliet tispjega illi wieħed ma jistax jħares lejn il-figuri tal-bilanċi fil-bank iżda jrid jkollna stampa ċara ta' fondi li huma *committed,* proġetti ppjanati, ħlasijiet dovuti kif ukoll spejjeż ta' natura rikurrenti. Dan il-budget ġie fformulat u ppreżentat sabiex il-Kunsill jkun jista jiġi inline mar-rekwiżiti finanzjarji li huwa fi dmir li jkollu u sabiex il-kunsill jkun f'pozizzjoni li japplika għal kwalunkwa skema li tista toħroġ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Dan għaliex waħda mir-rekwiżiti obbligatorji mitluba jkunu dejjem l-estimi finanzjarji tal-Kunsill. Madanakollu, se nkun qed naħdem biex kemm jista jkun malajr jkollna stampa ċara biżżejjed sabiex nippreżentaw estimi finanzjari rriveduti għas-sena attwali 2023.

Tali Estimi Finanzjarji li ġew ippreżentati mis-Seg. Eżekuttiv flimkien mal-Aġent Seg. Eżekuttiv ġew approvati unanimament u se jkunu qed jintbgħatu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

## 64.3 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

64.4.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-17:150pm. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa li jmiss biex issir nhar l-Erbgħa, 31 ta' Mejju 2023, fl-4:30pm.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt